IS-SINAGOGA

IL-QALBA TA' IŻRAEL U L-BIDU TAL-KNISJA

Ftit nafu fuq il-ħajja ta' Iżrael, tant qabel kif ukoll taħt is-slaten, biex inkunu nistgħu ngħidu fiż-żgur jekk kienx hemm xi xebh mas-Sinagogi li ġew wara. Minn kif jidher aktarx li bdew fi żmien l-eżilju, meta l-qima tat-tempju kienet għabet u reġgħu twaqqfu meta l-Lhud marru lura mill-eżilju.

Il-ġrajja ta' Eżra turi d-drawwa ta' laqgħat kbar u ta' sikwit (Eżra viii, 15). Iż-żminijiet tal-qedem li minnhom jitkellem San Ġakbu jistgħu jwettqu din il-fehma (Atti XV, 21). Wara l-ġlieda tal-Makabej għall-helsien, insibu li kull belt jew raħal kellha s-Sinagoga tagħha. Fejn il-Lhud ma kinux f'għadd kbir biżżejjed biex jistgħu jibnu u jimlew post, kien hemm il-PROSEUCHA, jew dar tat-talb xi minn daqqiet fil-beraħ u xi daqqiet mgħottija l-biċċa l-kbira b'għadira jew qrib xatt il-baħar. F'din id-dar il-Lhud kienu jiltaqgħu biex iqimu 'l Alla u biex jaqraw flimkien.

IL-QAWWA TAS-SINAGOGA

Mhix ħaġa ħafifa li wieħed iqis il-qawwa li l-Lhud sabu fis-Sinagoga. Ġewwa fiha nistgħu ngħidu li nibtet ir-rieda qawwija li biha l-Lhud tqabdu fil-ġlieda tal-Makabej. Bis-saħħa tagħha wkoll li l-Lhud baqgħu sodi fir-reliġjon ta' missirijiethom u qatt iżjed ma reġgħu waqgħu fl-idolatrija. In-nies ma kinux issa fil-periklu li jinsew il-liġi u d-dmirijiet tagħhom. Kemm il-pellegrinaġġi għal Ġerusalemm fil-festi l-kbar, kemm il-ħajja reliġjuża ta' kuljum fil-Palestina u iżjed barra mill-Palestina, kienet taf ir-rabta tagħha aktar mas-Sinagoga milli mat-Tempju. It-talb u l-qima li fihom il-moħħ u l-qalb setgħu jidħlu, kienu jiġbdu l-proseliti pagani li s-sagrifiċċji tat-tempju kienu jimbuttawhom u li kienu jibżgħu li jitwarrbu għaliex kienu għadhom mhumiex ċirkonċiżi. Fuq dan it-twarrib wieħed jista' jara aktar fl-Atti ta' l-Appostli, XXI, 28.

Fis-Sinagoga kienet qamet xejra ġdida kontra l-qassisin li jirtu s-setgħa tagħhom minn għand nieshom. Il-laqgħat tas-Sinagoga setgħu jsiru mingħajr ulied Aaron. Lil dawn kienu jagħtuhom preċedenza u xejn iżjed. It-triq kienet imhejjija għal ordni ġdid u oħla, li kellu jikber fil-milja taż-żmien bin-nuqqas u t-tneħħija tas-saċerdozju u tat-tempju.

Id-daqs tas-Sinagoga, bħal dik ta' knisja kien jitqies fuq il-għadd tannies li kien hemm fil-post. M'hemm xejn li juri li kien hemm xi nies għad-daqs tagħha, ngħidu aħna bħal dawk li nsibu għat-Tabernaklu u għat-Tempju. Biss kien hemm miktub fuq il-qagħda tagħha. Kellha tkun, fejn dan jista' jsir, fuq l-oġla naħa fil-belt jew qrib tagħha. Jekk dan ma kienx iseħħ, arblu kbir kien jitwaqqaf minn fuq il-bejt biex b'hekk tidher. U għax Ġerusalemm kienet il-Kibleh tad-devozzjoni tal-Lhud, is-Sinagoga kienet mibnija b'mod li dawk li jmorru jitolbu, meta jidħlu, kienu jħarsu lejn Ġerusalemm. Is-Sinagoga kienet tinbena bil-flus li kull bniedem ta' dak il-qasam kien irid iħallas u b'xi

għotjiet; xi minn daqqiet kienet tiġi mibnija minn xi għani Lhudi, jew bħal kif naqraw f'San Luqa, vii 5, minn xi proselita habib tagħhom. Wara dan iż-żmien, is-Sinagoga, l-istess bħal Moskea tal-Mawmettani, Ukoll jekk ma kinetx tibqa' tintuża, il-bini ma kellux jiġi mogħti għal xi għan mhux xieraq, għalhekk ma setgħetx tiġi mibdula f'banju fejn iġħumu u jinħaslu huma jew jaħslu ħwejjiġhom.



kienet tiġi mibnija ħdejn l-oqbra ta' xi Rabbi magħruf jew nies twajba. Meta l-bini kien ikun thejja kien jiġi miftuħ, bħalma kien it-tempju, b'talba speċjali ta' dedikazzjoni. Fiha la kien jista' jsir ikel u lanqas xorb. Ħadd ma seta' jaqsam minn ġo fiha biex iqassar it-triq.

IL-ĠEWWIENI TAS-SINAGOGA

Fit-thejjijiet ta' ġewwa tas-Sinagoga nsibu xebħ ta' Tabernaklu. Fin-naħa ta' fuq jew Ġerusalemm kien hemm l-Arka, il-kaxxa li fiha hemm magħluqa l kotba tal-liġi. Din in-naħa tas-Sinagoga kienet miżmuma b'għożża kbira. Qrib din kien

hemm is-siġġijiet li fuqhom kienu jiġġieldu biex joqgħodu l-Iskribi u l-Fariżej (Matt. xxiii, 6), u li fuqhom kienu mistiedna biex joqgħodu dawk li kienu l-aktar għonja.

Hawn ukoll quddiem l-Arka kien hemm il-Lampa bi tmien brazzi, li kienu jixgħeluha biss fil-festi l-kbar. Minbarra dan kien hemm lampa li tibqa' mixgħula dejjem. Ohrajn, miġjuba min-nies devoti kienu jinxtegħlu lejlet is-Sibt, jiġifieri l-Ġimgħa filgħaxija. Ftit iżjed 'il fuq, tista' tgħid f'nofs is-Sinagoga, kien hemm bħal palk, li fuqu xi nies setgħu joqogħdu u f'nofs dan kien hemm pulptu li fuqu l-qarrej kien joqgħod bil-wieqfa biex jaqra l-lezzjoni jew joqgħod bil-qiegħda biex jgħallem. Il-ġemgħa kienet tkun maqsuma l-irġiel fuq naħa, in-nisa fuq l-oħra, u bejniethom kien hemm bħal paraventu baxx ta' xi ħames jew sitt piedi.

Fis-sinagogi tal-lum insibu n-nisa mifruda għal kollox mill-irġiel f'gallarijiet baxxi mal-ġnub, magħluqin bil-fildiferru.

Fl-Arka, bħalma għidna fuq, kien hemm il-parċmini tal-Kotba Mqaddsa. Ir-rombli li fihom kienu marbutin, kienu ta' spiss ikunu mżejna, skond il-materjal tagħhom. Dawn il-kaxex kienu offerti mis-sinjuri meta kienu jġibu t-tfal żgħar tagħhom, jew l-ewwel anniversarju tat-twelid tagħhom, biex jiġu mbierka mir-Rabbi tas-Sinagoga. Bħala parti mit-tqegħid għandna nosservaw ukoll kaxxa oħra għall-Haphtoroth, jew il-parċmini tal-Profeti. Il-kaxxi għall-flus biex jiġu mogħtija lill-foqra fil-ġenb, ħdejn il-bieb, waħda għall-fqar ta' Ġerusalemm u l-oħra biex il-flus li jinġabru jitqassmu għall-foqra tal-post. Fuq dan it-tqassim tal-flus lill-foqra jitkellem San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin, xvi. Kien hemm ukoll injama li fuqha jitwaħħlu l-ismijiet ta' dawk li naqsu f'xi ħaġa jew li ġew imkeċċija mis-Sinagogi. Xi ħjiel qasir fuq dan insibuh ukoll fil-Vanġelu (Luqa vii, 3). Kien hemm ukoll senduq għat-trumbetti u għodda tad-daqq oħra li kienu jindaqqu fl-ewwel jum ta' kull sena u s-Sibtijiet.

Fil-bliet żgħar kien hemm Rabbi wieħed biss. Fejn il-post kien immexxi bir-reqqa kien hemm ukoll ix-xirka tax-Xjuħ li kienu taħt il-ħarsien tas-Sinagoga. Fuq dawn ix-Xjuħ naqraw ħafna fil-Kotba tar-Rabta l-Ġdida (Ara Luqa viii 41-49; xii 14). Dawn ix-"Xjuħ" kienu jissejħu b'ħafna ismijiet u kull isem kellu tifsira. Hekk nghidu aħna kienu jissejħu "Raghajja" (Efesin iv). Kellhom is-setgħa li jmexxu s-Sinagoga u s-setgħa wkoll li jagħtu l-iskomunika. L-aktar wieħed magħruf fis-Sinagoga kien ix-"Xilak". Dan kien maħtur min-nies tas-Sinagoga u kien jaqra l-Kotba u jitlob f'isem in-nies. Biex wieħed ikun magħżul għal din il-ħidma ried ikollu dawk l-istess xejriet li San Pawl iġħid li jrid ikollu min isir isqof. Ried ikun ħabrieki, imdaħħal fiż-żmien, missier ta' familja, la għani u lanqas imdaħħal f'xi tmexxija ta' flus.

Ried ikollu leħen tajjeb u għandu ħila jipprietka. Il-Kazzan, jew qaddej tas-Sinagoga (ara Luqa iv 20), kien jaqdi bejn wieħed u ieħor id-dmirijiet tad-Djaknu kif nafuh illum. L-istess bħax-Xilak u x-Xieħ jew xjuħ) kien jiġi maħtur bittqegħid ta' l-idejn fuq rasu. Matul il-ġimgħa aktarx li kien jgħallem lit-tfal.

Barra minn dawn kien hemm

ukoll għaxra min-nies li l-ħidma tagħhom kienet li jwieġbu għal xi mistoqsijiet u li jħaqquha bejniethom fuq ħwejjeġ ta' reqqa kbira. Dawn kienu jissejħu *Batlanim*. Ebda Sinagoga ma kienet tista' tissejjaħ Sinagoga mingħajr dawn innies. Dawn riedu jkunu nies li jagħmluha tajjeb u għalhekk ma kellhomx għalfejn jaħdmu.

Kienu jmorru s-Sinagoga kemm nhar ta' xogħol u kemm nhar ta' Sibt. B'hekk ukoll kien ikun hemm għadd ta' nies biżżejjed biex jibdew il-qari u t-talb. Jekk ma jkunx hemm għaxart irġiel (in-nisa ma jgħoddux) l-ebda talb jew qari ma jista' jsir fis-Sinagoga.

Mis-Sinagoga tnisslu l-għamliet sħaħ ta' talb. Għal dawn l-għamliet id-dixxipli kienu mdorrijin sa minn żgħożithom. Huma kienu staqsew lill-Mulej tagħhom biex jgħallimhom xi talb u hu kien qatagħlhom xewqithom, bħalma l-Battista kien għamel qabel mad-dixxipli tiegħu, bħalma kull Rabbi kien jagħmel mal-ġemgħa tiegħu (Ara Luqa, xi, 1).

Dan kellu jsir hekk billi hekk kienu mdorrijin u ma kinux jafu jqimu xort'oħra u minn qalbhom, fejn ma kienx hemm ordni fiss ta' l-istess talb, innijiet, dossoloġiji, li baqgħu sejrin sa żmien l-Appostli.

Fiċ-ċerimonji tas-Sinagoga naraw rabta kbira maċ-ċerimonji tat-Testment il-Ġdid u tixbaħ ma' dak li jsir fil-Knisja. Il-kitba ta' Mosè kienet tinqara kull nhar ta' Sibt. Kienu jinqraw ukoll il-Kotba tal-Liġi u kienu mqassmin fi tnejn u ħamsin biċċa biex ikun hemm x'tinqara għal kull ġimgħa tas-sena (Ara Atti xv, 21). L-istess kienu jinqraw silta wara l-oħra l-kotba tal-Profeti. Wara dawn kien jinqara d- 'Dirax" li kien ġabra ta' twissijiet, tifsir, u l-prietka tas-Sinagoga (Ara Atti xxi, 15).

QORTI

Is-Sinagoga barra d-dar tat-talb kienet ukoll qorti. In-nies li kienu jmexxu kellhom qawwa tal-liġi. Hekk naqraw f'żewġ naħat fil-Vanġelu ta' San Luqa (Luqa xii, 11; xxi, 12). Mhux biss kellhom is-setgħa li jagħtu s-sentenza iżda li hemm ġew kienu wkoll jagħtu s-swat. Dan jidher ċar meta naqraw fuq il-flaġellazzjoni f'żewġ Evanġelji (Matt. x, 17; u Mark xiii, 19). Xi minn daqqiet anki barra mill-Palestina kienu jorbtu bil-ktajjen lill-ħati u jeħduh quddiem il-Qorti l-Kbira ta' Ġerusalemm. Kellhom is-setgħa ta' l-iskomunika u b'hekk il-ħati jitkeċċa mis-Sinagoga (ara S. Ġwann xii, 42), iqegħduh taħt anathema (ara Kor. xvi, 22) u jagħtuh f'idejn Satana (ara 1 Kor. v; I Tim. 1, 20). Biss mid-dehra ma kinux jistgħu jagħtu sentenzi ta' ħruxija fiżika kbira.

Mela nistgħu ngħidu li l-Knisja tagħna kemm fl-għamla tal-bini tagħha, kemm fit-taqsim tal-ħin tat-talb, u kemm fis-setgħa tagħha wirtet ħafna mis-Sinagoga.

Fuq ix-xatt tal-Galilija hemm il belt ta' Kafar Nahum li fiha mar joqgħod Ġesù. Din il-belt tfarrket kollha. Fiha ma baqa' xejn ħlief herba u trab. Ħaġa waħda baqgħet: is-Sinagoga. Fiha Ġesù kien jgħallem kull nhar ta' Sibt u fiha għamel ħafna għeġubijiet. Ġesù fi żmienu kien diehel u ħiereġ fiha. Min jista' jaf kemm kliem sabiħ u tagħlim fejjiedi ħareġ minn fomm Ġesù f'dan il-post!

P. Lett. DIONISJU MINTOFF, O.F.M.